# IL-ĦARRUBA

*Ian Mifsud*

Waħda mill-iżjed siġar komuni fil-gżejjer Maltin żgur hija l-ħarruba. Din hija siġra tipikament tal-makkja — tip ta' ekosistema li fiha jikbru siġar żgħar jew arbuxxelli kbar, flimkien ma' pjanti li jixxebilku u pjanti oħra li ma jagħmlux injam. Għalkemm fil-makkja Mediterranja l-ħarruba tikber għal madwar 20 metru, fil-gżejjer Maltin rari li wieħed jaraha togħla aktar minn sitt metri. Minflok togħla, ġeneralment tikber f'forma ta' arbuxxell kbir.

Il-ħarruba aktarx li ma kinitx tikber minn dejjem fil-gżejjer Maltin, għalhekk tissejjaħ siġra arkeofitika, jiġifieri siġra li mhix indiġena iżda nġabet fil-gżejjer Maltin mijiet ta' snin ilu, u innaturalizzat ruħha, jiġifieri bdiet tikber waħedha fis-selvaġġ fil-gżejjer Maltin. Hemm il-possibbiltà li ġabuha hawn ir-Rumani. Probabbli li oriġinat min-naħa tal-lvant tal-Mediterran u minn dawk il-pajjiżi ta' l-Asja viċin dan ir-reġjun.

Il-ħarruba hija mill-familja taċ-Caesalpinaceae, familja li tagħmel parti mill-grupp tal-Leguminosae, li jiġbor fih dawk il-pjanti li jagħmlu ż-żerriegħa forma ta' miżwed. Iżda s-siġra tal-ħarrub ma tagħmilx imfafet ma' l-għeruq biex jip-produċu nitroġeni bħalma jagħmlu siġar oħra f'dan il-grupp. Instab li fungi mikroskopiċi jikbru fuq l-għeruq tal-ħarrub, u dawn iżidu l-użu tan-nitroġenu mis-siġra. Minħabba l-fatt li l-ħarrub jikber f'ħamrija nieqsa minn sustanzi bħal nitroġenu u fosfru, dawn il-fungi mikroskopiċi jgħinu lis-siġra biex tissaħħaħ.

Skond il-professur John Borg, wieħed mill-pijunieri ta' l-istorja naturali tal-gżejjer Maltin, l-isem tal-ħarruba bil-Malti jfisser *ħarbat*. Dan huwa marbut mal-kapaċità li għandha din is-siġra biex tikber fi xquq il-blat u bil-mod il-mod tiftħu u tkissru (tħarbtu) biex tagħmel post għaliha. Dan jagħmilha adattata għall-ambjent Malti, speċjalment fil-ħafna art mogħxa fil-blat.

Iżda forsi l-akbar vantaġġ ta' din l-ispeċi hija li tiflaħ għan-nixfa u għat-temperaturi għoljin. Il-ħarruba hija kapaċi tibni l-ikel tagħha mill-enerġija tax-xemx (fotosintesi) u

għalhekk tgħix f'temperaturi iżjed għoljin milli jifilħu siġar oħrajn tal-Mediterran, minħabba li l-għeruq tagħha jinżlu fil-fond fejn isibu l-ilma. Hija wkoll għandha l-weraq li għandhom toqob mikroskopiċi (*stomata*) l-iżjed fuq in-naħa ta' taħt minn fejn il-pjanta tieħu u tarmi gassijiet fl-arja.

Karatteristika tal-weraq tal-ħarruba hija li dawn huma miksija b'għatja protettiva kontra s-sħana u l-qawwa tad-dawl tas-sajf Mediterranju. Is-siġra hija kapaċi wkoll li ddawwar il-weraq biex iħarsu lejn id-dawl biex b'hekk tiġbor kemm tista' mir-raġġi tax-xemx, speċjalment f'dawk iż-żminijiet meta tkun qed tiżviluppa. Barra minn hekk, meta fis-sajf ir-raġġi tax-xemx ikunu qawwija ħafna, is-siġra tal-ħarrub kapaċi ddawwar il-weraq biex dawn ma jkunux faċċata tad-dawl tax-xemx. Meta tkun nixfa kbira, il-ħarruba tista' twaqqa' l-weraq kollu, li mbagħad terġa' ttella' meta l-kundizzjonijiet ambjentali jkunu aħjar.

Il-ħarruba hija siġra li kapaċi taddatta ruħha sew għat-tibdil fil-klima li qed tolqot id-dinja, u għalhekk hija siġra li tajjeb li tintuża fil-proġetti li qed isiru biex nerġgħu nħaddru l-ambjent.

Il-bniedem tul iż-żminijiet għamel użu sew minn din is-siġra. Il-miżwed tal-ħarrub kien ta' spiss jinġabar għax fih ħamsin fil-mija zokkor u fih ukoll ċerti sustanzi astrinġenti li ma jħallux il-proteini jiġu assimilati mill-ġisem. Huwa għalhekk ukoll li ma setax jingħata f'ammonti kbar lill-annimali. Iżda mhux l-annimali biss kienu jieklu l-miżwed tal-ħarrub, għax fi żminijiet l-għaks saħansitra l-bniedem kien jitrejjaq bih. Mill-bibbja nafu li San Ġwann l-Għammied kien jiekol mill-miżwed tal-ħarruba. Għalkemm naqraw f'xi traduzzjonijiet mill-Ingliż għall-Malti, li San Ġwann kien jiekol il-ġurati, nafu li dan jintqal għaliex il-kelma ingliża *locusts* ġiet maqluba għall-ġurat meta nafu wkoll li din tirreferi għall-imżiewed tal-ħarrub. Fil-bibbja naqraw ukoll li l-iben il-ħali kien jiekol il-ġandar, iżda din hija wkoll referenza għall-imżiewed tal-ħarrub. Iż-żerriegħa mnixxfa mill-frotta tal-ħarrub kienet fi żmien il-qedem tintuża biex jintiżen id-deheb u l-ġojjelli (karat), minħabba l-fatt li kellha piż uniformi bejn żerriegħa u oħra. Sal-lum il-ġurnata għad hawn min jagħmel il-ġulepp tal-ħarrub li jintuża biex iserraħ il-griżmejn u anke kontra s-sogħla. F'xi pajjiżi Mediterranji jsir xorb iffermentat mill-ħarrub. Fil-Palestina għadhom jagħsru l-miżwed biex jixorbu l-meraq bnin tiegħu. Il-frott tal-ħarrub għandu riħa ta' kakaw meta dan jiġi nkaljat. Dan jintuża fil-manifattura tal-ħelu qisu ċikkulata minflok iċ-ċikkulata propja.

Minbarra l-użu tradizzjonali ta' din is-siġra, illum hemm interess ġdid fl-istudju u fil-prodotti tagħha. Minħabba li l-frott tal-ħarrub huwa astrinġenti ħafna, il-miżwed jintaħan biex jintuża kontra d-dijarrea fit-tfal. Mingħajr dubju, l-akbar interess huwa fiż-żerriegħa tal-ħarrub li għandha ċerti sustanzi[1]. Din is-sustanza tintuża fl-industrija ta' l-ikel flok dawk artifiċjali biex, fost affarijiet oħra, tgħaqqad il-prodotti, bħal ngħidu aħna, il-ġelati. Barra minn Malta, fl-ipproċessar ta' l-ikel, din is-sustanza tintuża wkoll fil-produzzjoni tal-karti, tessili u anki fl-industriji petroliferi.

Fl-imgħoddi l-ħarruba kienet ikkultivata fil-gżejjer Maltin. Minħabba l-fatt li l-ħarruba tista' tkun siġra raġel — bi fjuri rġiel biss, — jew siġra mara — bi fjuri nisa biss — għalkemm barra minn Malta ġieli tkun ukoll ermafrodita — bi fjuri rġiel u nisa — il-bdiewa kienu jħawlu siġra raġel waħda biex tkun tista' ddakkar is-siġar nisa ta' madwarha. M'għandniex xi ngħidu, huma s-siġar nisa biss li jagħmlu l-frott, u għalhekk l-art kienet tintuża bl-aħjar mezz possibbli billi jkun hemm siġar nisa kemm jista' jkun, madwar siġra waħda raġel.

[1] *Hija kodifikata bħala E410 fuq il-lista ta' l-ingredjenti li wieħed isib fuq wara tat-tikketti ta' l-ikel.*

Insibu diversi varjetajiet ta' ħarrub, kemm lokali kif ukoll importati minn barra. Fost il-varjetajiet lokali nsibu l-Ġidri, l-Aħmar, u l-Għasli. Il-Ġidri hu msejjaħ hekk għax iz-zokk tiegħu huwa kollu forma ta' għoqod, u jagħmel frott oħxon ta' kulur kannella skur. L-Aħmar jagħmel frott irqiq u iebes ħafna ta' lewn kannella ċar li jkanġi fl-aħmar. L-Għasli huwa l-varjetà li jipproduċi l-iżjed frott ħelu u huwa ta' lewn kannella skur. Fost il-varjetajiet ta' barra kien hawn Ta' Ċipru u Ta' Kandja, fost oħrajn. Il-varjetà ta' Ċipru kienet fost l-aqwa bi frott kbir u oħxon, u fuq kollox ħelu ħafna. Ta' Kandja hija simili ħafna għal dik Ta' Ċipru iżda hija tagħmel aktar frott għalkemm mhux ħelu daqs ta' l-oħra.

Is-siġra tal-ħarrub tista' titnissel faċilment. Hemm numru ta' metodi, iżda l-aktar li sibt faċli u li tani

*1. Is-siġra tal-ħarrub fis-selvaġġ.*
*2. Dehra tas-siġra mill-viċin.*
*3. Il-weraq tas-siġra tal-ħarrub.*
*4. Il-weraq speċjalizzati nisa.*
*5. Il-weraq speċjalizzati rġiel.*
*6. Il-frott tal-ħarruba.*
*7. Iż-żerriegħa fil-miżwed.*
*8. Iż-żerriegħa tal-ħarruba.*
*9. Iz-zokk tas-siġra tal-ħarrub.*

*ritratt: I. Mifsud (4)*
*M. Psaila (3,7,8,9.)*
*A. E. Baldacchino (1,2,5,6.)*


1


2


3


4


5


6


7


8


9

riżultati tajbin huwa dak permezz taż-żerriegħa. Iż-żerriegħa trid tinġabar wara li l-miżwed ikun sar sew, jiġifieri għall-aħħar ta' Awissu u Settembru. Wara li jinġabar, il-miżwed irid jinżamm f'kaxxa adattata f'post li ma jkunx umdu. Iż-żerriegħa għandha titħawwel jew fil-ħarifa, jiġifieri f'Ottubru jew f'Novembru, jew inkella fir-rebbiegħa ta' wara, jiġifieri f'Marzu. Dan għandu jsir billi tnejn jew tliet żerrigħat jitpoġġew fuq il-ħamrija f'borża tat-taħwil jew f'qasrija, u jitgħattew b'xi 2.5ċm ħamrija. Dawn għandhom jis-saqqew regolarment fi żmien meta ma tagħmilx xita. Meta dawn jikbru xi 10ċm għandha tinżamm xitla waħda biss f'kull borża jew qasrija. Għalhekk dawk ix-xtieli li jkunu dgħajfa, għandhom jinqal-għu u jinżammu biss dawk b'saħħithom. Meta dawn ikollhom sentejn, ix-xtieli għandhom jit-ħawlu barra, iżda tajjeb li wieħed ikompli jieħu ħsiebhom għal ftit snin wara.

Matul iż-żminijiet inqerdu ħafna siġar tal-ħarrub mill-gżejjer Maltin. Il-bżonn ta' ħatab għat-tisjir u aktar reċentement l-iżvilupp mingħajr ippjanar minn qabel, wassal għal qerda ta' ħafna minn dawn is-siġar. Ħafna oħra nħarqu b'vandaliżmu. Hija vera ħasra li siġar bħal dawn jinqerdu minn pajjiżna. Dawn mhux biss isebbħu l-pajsaġġ Malti, iżda huma kenn għal ħafna annimali li jgħixu fuqhom. Hemm bżonn li napprezzaw aktar din is-siġra, li kif rajna kienet trejjaq lill-missirijietna fiż-żminijiet ta' l-għaks. Din is-siġra, li hija parti mill-wirt naturali u kulturali ta' pajjiżna, illum hija mħarsa bir-regolamenti ta' l-2001 dwar il-ħarsien tas-siġar u l-imsaġar li ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Jannar ta' l-2001 taħt l-Avviż Legali numru 12. B'dawn ir-regolamenti is-siġra tal-ħarrub issa hija mħarsa mill-qerda bla rażan. o



*Meta l-friegħ ifaqqsu jiġu sparati 'l barra minn dan il-but, wieħed wieħed.*